SAN LAWRENZ

Il-minuti tas-sittax- il laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar il-Hamis 17 ta' Jannar 2013 fit-8:00 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

Sindku: Anthony Formosa

Vici Sindku: Anthony Cassar

Kunsilliera: Michelina Mercieca
John Mercieca
Rose Vella

Segretarju Ezekuttiv: Lucienne Haber

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet ippreseduta mis-Sindku Anthony Formosa.

2.0 Inqraw il-minuti tal-laqgha ta' qabel u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra minghand l-MITC fi hdan il-Ministeru tat-Turizmu, Ambjent u Kultura rigward l-organizazzjoni ta' attivitajiet koncernati mal-Jum Marittimu Ewropew 2013. Sar qbil li ghandna nippartecipaw f'dawn l-attivitajiet li ser isiru bejn is-19 u l-20 ta' Mejju billi tigi organizzata Open Day fl-Interpretation Centre tad-Dwejra peress li sa dakinhar ikun infetah ufficjalment.

3.2 Giet trattata c-cirkulari minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-health insurance u fejn il-membri jistghu jinkludu l-membri familjari taghhom billi jhallsu xi *fee* addizzjonali personalment.

**4.0 Ix-xogholijiet fil-Pjazza u l-isqaqien**

4.1 Is-Sindku ta deskrizzjoni tax-xogholijiet tal-pjazza u l-isqaqien. Huwa semma' wkoll li nbeda wkoll it-tkomplija tal-progett tat-Triq San lawrenz. Saret ukoll referenza ghall-kisi tal-bir tal-pjazza. Is-Sindku semma' li ser jitbattal mill-ilma u wara jinkesa.

**5.0 Karnival 2013**

5.1 Saret referenza ghall-attivitajiet tal-Karnival 2013 u ghal fatt li l-pjazza tinsab maqlugha u mhemmx spazju fejn jigu organizzati. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li ghal din is-sena l-attivitajiet jigu organizzati fil-*plots* hdejn il-*garage* tad-Dar tal-Anzjani. Sar qbil li ghandhom jinzammu l-istess Kategorijiet biz-zieda li kategorija E, dik tal-maskarat misterjuz tinqasam fi tnejn, premju ghal adulti u iehor ghat-tfal.

## 6.0 Wara z-zjara f'Colle Umberto u aktar progetti marbuta mal-gemellagg

6.1 Is-Sindku rrefera ghaz-zjara li huwa flimkien mal-grupp ta' San Lawrenz kellu f'Colle Umberto bejn it-2 u s-6 ta' Jannar 2013. Huwa rrefera ghaliha bhala success u dawk li attendew hargu sodisfatti hafna. Huwa rrefera ghal-laqghat li kellu mas-Sindku ta' Colle Umberto fejn gew diskussi aktar progetti fil-futur bejn iz-zewg komunitatijiet.

6.2 Huwa rrefera wkoll ghal-laqgha li kellu ma' zewg membri parlamentari ewropej taljani fejn matulha saret referenza ghall-access ta' aktar fondi ewropej permezz ta' applikazzjoni kollettiva bejn it-tlett Assocjazzjonijiet tal-Gemellagg tal-komunitajiet ta' La Ballme de Sillingy, Colle Umberto u San Lawrenz ghax enfasizzaw li b'hekk applikazzjoni tkun aktar b'sahhitha.

6.3 Is-Sindku Anthony Formosa rrefera ghaz-zjara li l-grupp kellu go fabbrika tal-gobon u ghal fatt li s-sid wera nteress kbir sabiex jaghmel xi tip ta' negozju ma' Malta u anke lest li jghallem lil xi ndividwi kif jipprocessaw il-gobon. Il-Kunsill ra din il-proposta bhala wahda utli hafna u ghalhekk sar qbil li ghandna nistednuh formalment biex jaghmel zjara f'Malta u minbarra li nlaqqghuh mal-kumpanija Magro Ltd li kapaci tkun interessata, issir laqgha man-nies tal-lokal u dawk is-swieq interessati. Sar qbil li ghandha tintbghat ittra stedina lil kull resident kif ukoll isir avviz fuq il-gazzetta fuq dan ir-rigward. Sar qbil ukoll li ghandna nikkuntatjaw lil Malta Enterprise b'din il-proposta.

## 7.0 Xogholijiet u sejhiet koncernati mal-Interpretation Centre tad-Dwejra

7.1 Is-Segretarja rreferiet ghall-htiega ta' sejhiet li jridu jinhargu konnessi mal-Interpretation Centre tad-Dwejra li jinhtieg li jkunu lesti s'April 2013 peress li dakinhar jaghlaq il-progett tal-Unjoni Ewropea.

7.2 Saret diskussjoni dwar is-sejha temporanja ta' assistant ghac-Centru minn xhin jinfetah sa kemm jintemm il-progett peress li hemm il-fondi allokati ghal dan il-ghan. Il-Kunsill qabel li ghalissa ghandu johrog sejha specifika ghal perijodu qasir, imbaghad wara jigi deciz kif ser tinhareg l-offerta u min ser ikun responsabbli mit-tmexxija tac-Centru. F'dan ir-rigward il-Kunsill esiga li huwa mportanti li jkollna f'idejna l-Marketing Plan u li tinzamm laqgha tad-Dwejra Management Committee.

7.3 Sar qbil ukoll li ghandha tinhareg stima tal-manutenzjoni tal-generator, ohra tax-xogholijiet tal-gypsum, xoghol ta' electrician u xoghol tal-injam. Sar qbil ukoll li ghandha tohrog stima tat-trenching works f'kaz li johrog il-MEPA permit tal-generator.

## 8.0 Ir-Regolamenti tal-MEPA ghall-attivitajiet fid-Dwejra

8.1 Tqassmet kopja tar-regolamenti ppublikati mill-MEPA fuq attivitajiet fid-Dwejra. Sar qbil li ghandhom jinqraw id-dar u jekk jinhtieg li nzidu xi regolamenti maghhom, ghandhom jitressqu f'laqgha li jmiss.

**9.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati**

9.1 Giet imressqa l-appraisal tal-Performance Appraisal tal-impjegati ghall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva l-Performance Bonus fil-massimu tieghu.

**10.0 Approvazzjoni tal-pagamenti.**

10.1 Giet approvata l-iskeda tal-pagamenti bin-numru : 6 / 6

**11.0 Materji ohra**

11.1 Il-kunsillier John Mercieca rega' talab x'ser isir mit-tieni kisja ta' Triq il-Wileg. Sar qbil li ghandna nitolbu lil Project Manager tal-progett sabiex jaghtina randikont tax-xoghol imwettaq s'issa bl-ispejjes kollha relatati.

Il-laqgha ntemmet fid-9:15am.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*